

# S4.1 PERSONAĠĠI MALTIN

**S4.1.5**
Ikollna esperjenza ta' sorsi primarji għall-personaġġi msemmija.

## A. X'INHU SORS PRIMARJU?



Is-sorsi primarji jistgħu jagħtu l-ħajja lill-istorja. Sorsi primarji joffrulna evidenza diretta taż-żmien u l-persuni li nkunu qegħdin nistudjaw dwarhom. Huma dokumenti u oġġetti li kienu jeżistu fil-perjodu li nkunu qegħdin nistudjaw dwaru. Fost is-sorsi primarji l-iktar komuni nsemmu: ritratti, ittri, djarji, poeżiji, pitturi, skulturi, *logbooks*, dokumentarji, films/vidjows, *recordings*, eċċ.

### Sors Primarju A – DUN KARM PSAILA



Ara l-video: http://youtu.be/7Dgj_NusaNA

Nisimgħu il-leħen ta' Dun Karm Psaila, jaqra l-poeżija tiegħu stess: GĦAL DUN MIKIEL XERRI.

**GĦAL DUN MIKIEL XERRI – miktuba 1937**

Kont għadni, nista' ngħid, ċkejken tarbija
meta ktieb il-ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħiħa bħall-għeruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art Maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l-art li int ħabbejt fis-sewwa,
bi mħabba safja u bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna* b'għamilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-għedewwa
kienu jitkabbru bik Atene u Ruma.

(* *ir-razza tagħna*)

## Sors Primarju B – DUN MIKIEL XERRI

Naraw il-video: http://youtu.be/3Ef5ao9Cztk




Is-sors primarju li qegħdin nippreżentaw lill-istudenti fil-każ ta' Dun Mikiel Xerri huwa **inventarju**, jiġifieri LISTA, tal-kotba li kellu Dun Mikiel Xerri. L-inventarju sar fis-6 t'Awwissu 1799, jiġifieri seba' xhur wara li Dun Mikiel Xerri kien inqatel mis-suldati Franċiżi.

Dun Mikiel Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ imma għex żmien twil fil-Belt Valletta. Laħaq Professur tat-Teoloġija fis-seminarju. Fis-seminarju wieħed imur jistudja biex jilħaq qassis. Dun Mikiel Xerri laħaq ukoll professur fl-Università

ta' Malta. Dun Mikiel Xerri jibqa' magħruf għaliex huwa ħa sehem fil-konfoffa kontra l-Franċiżi. Il-Franċiżi ndunaw bil-konfoffa u Dun Mikiel Xerri, flimkien ma' madwar 40 raġel ieħor, ġie maqtul billi ġie xkubettjat f'Misraħ San Ġorġ quddiem il-Palazz fil-Belt. Dan ġara fis-17 ta' Jannar 1799.

Ftit sigħat qabel miet, Dun Mikiel Xerri sejjaħ lin-Nutar Giuseppe Bonavita u quddiemu għamel testment. 'Testment' hija kitba li wieħed jagħmel quddiem in-nutar. Permezz tat-testment kulħadd ikun jaf x'għandu jsir bil-ġid li jkollha dik il-persuna. Hekk insibu li Dun Mikiel Xerri ħalla l-kotba tiegħu u anke l-ixkaffar lis-Seminarju tal-Knisja Maltija. Dun Mikiel Xerri kellu b'kollox 509 kotba mqassmin f'ħames vetrini. Il-kotba kienu jittrattaw suġġetti bħat-Teoloġija, il-Filosofija, il-Letteratura, ix-Xjenza u l-Matematika.


109

| Opere | Volumi | Prezzo |
|---|---|---|
| 1. Facciolati Calepinus 7 Linguar. in f. T. 2 | 3.. | —.. — |
| 2. Seb. Giribaldi Op. moralia de Sacramentis in f. Tomi 5. Vol. 4 | 4 | 4.. —.. — |
| 3. Nizolii Thesaurus Ciceronianus. in Fol 1 | 1.. | 8.. — |
| 4. Schrevelii Lexicon Græcum in Fol 1 | 1.. | —.. — |
| 5. Manutii Adagia Latina. in Fol 1 | 1.. | —.. — |
| 6. Vernei de Re Logica libri. in 8. 1 | — | 6.. — |
| 7. Danet. Dictionnaire François Latin in 4 | — | 8. — |
| 8. Missale Romanum. Venet. 1549. in 4 1 | — | 4.. — |
| 9. Aliud. Lugd. 1682 in Fol 1 | — | 6.. — |
| 10. Vassalli Grama, et Lexicon Melit. T. 2 in 4 8 | 1.. | 8.. — |
| 11. Horatius cum comment. ad usu Delph. in 4 T. 2 | 2.. | 6.. — |
| 12. Bened. P. XIV. Synodus Dioec. in 4 T. 3 | 3.. | —.. — |
| 13. Maclaurin Traité d'Algèbre in 4 1 | — | 6.. — |
| 14. Mazzocchi Opuscula. in 4 Tom. 2 | — | 10.. — |
| 15. Genuensis Theologia. in 4 Tom. 2 | 1 | 8.. — |
| 16. Synopsis Operum Bened. P. XIV. in 4 T. 5 | 2.. | —.. — |
| 17. Constitutiones selectæ Ben. XIV. in 4 T. 2 | — | 8.. — |
| 18. Sarpi. Storia del Conc. Trid. in 4 1 | — | 8.. — |
| 19. Potenza. Ragionamenti e Prediche. in 4 1 | — | 5.. — |
| Vol. 34 | 25.. | 7.. — |

Dan huwa ritratt ta' waħda mill-paġni tal-inventarju (il-lista) tal-kotba li kellu Dun Mikiel Xerri. F'din il-paġna jidhru l-ismijiet ta' dsatax-il ktieb. Ninnutaw il-lista tal-kotba fuq ix-xellug, u fuq il-lemin, il-prezz kemm jiswa kull ktieb. Dak iż-żmien il-flus kienu jikkonsistu fi skudi u tari.

Is-Sur Noel D Anastas ippubblika kopji ta' dan l-inventarju permezz ta' artiklu jismu "Kollezzjonijiet ta'

Kotba f'Ħaż-Żebbuġ". L-artiklu ġie pubblikat fil-ktieb tal-festa tal-Każin San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ fis-sena 2003.

Dan ir-ritratt li ġej jurina parti mill-artiklu tas-Sur Noel D Anastas. Ninnutaw pereżempju kif Dun Mikiel Xerri kellu kopja tal-ktieb famuż ta' Mikiel Anton Vassalli 'Grammatica et lexicon melitensis'. Dan il-ktieb ġie stmat illi jiswa skud u 8 tari (ara n-numru 10).



- **Dan huwa l-inventarju tal-kotba li kellu Dun Mikiel Xerri li kien intgħamel fis-6 t'Awissu 1799.[23] Għalkemm fil-passat inkiteb xi tagħrif dwar dan l-inventarju,[24] jidher li qatt ma' ġie ppubblikat. Għalhekk, għall-ewwel darba qed tiġi stampata l-lista sħiħa ta' kotba li kellu dan il-patrijott. Fil-kolonni ta' ħdejn it-titlu u l-awtur tal-ktieb, hemm imniżżel id-daqs tal-ktieb, il-volumi f'dak it-titlu, u l-prezz kemm kienu ġew stmati.**

| | | | Vol. | Prezzo scudo - tari | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | [Jacobi] Facciolati. *Calepinus septem linguarum* | Folio | 2 | 3 scudo | |
| 2 | Sebastiano Giribaldi. *Op. Moralia de Sacramentis. Tomi 5 Vol. 4* | Folio | 4 | 4 scudo | |
| 3 | [Marii]Nizolii. *Thesaurus Ciceronianus* | Folio | 1 | 1 scudo | 8 tari |
| 4 | [Cornelii] Schrevelii. *Lexicon Grecum [manuale græco-latinum & latino græcum]* | Folio | 1 | 1 scudo | |
| 5 | [Paulli] Manutii. *Adagia Latina* | Folio | 1 | 1 scudo | |
| 6 | [Aloysii Antonii] Verneii. *De re logica libri* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 7 | Danet. *Dictionnaire Francois-Latin* | 4to | 1 | | 8 tari |
| 8 | *Missale Romanum.* Venetia 1549 | 4to | 1 | | 4 tari |
| 9 | Aliud Lugd. [Lugdunum] 1682 | Folio | 1 | | 6 tari |
| 10 | Vassalli. *Grammatica et lexicon melitensis* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 11 | *Horatius cum comment. ad usu Delph.* | 4to | 2 | 2 scudi | 6 tari |
| 12 | *Bened. P. XIV Synodus Dioc.* | 4to | 3 | 3 scudi | |
| 13 | [Colin] Maclaurin. *Traite d'Algebre* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 14 | [Giacomo] Mazzocchi. *Opuscula* | 4to | 2 | | 10 tari |
| 15 | [P. Antonio Genovesi] Genuensis. *Theologia* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 16 | *Synopsis Operum Bened. P. XIV* | 4to | 5 | 2 scudi | |
| 17 | [Benedetti XIV]. *Constitutiones selectae* | 4to | 2 | | 8 tari |
| 18 | [Paolo] Sarpi. *Historia del Concilio Tridentino* | 4to | 1 | | 8 tari |
| 19 | Potenza. *Ragionamenti e Prediche* | 4to | 1 | | 5 tari |
| 20 | *Vocabolario per la scuole di Torino* | 4to | 2 | 1scudo | 8 tari |
| 21 | [Jean] Pontas, et Collet. *Dictionarium casuum conscientiæ* | 4to | 3 | 2 scudi | 6 tari |
| 22 | Arignani. *Institutiones Morales* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 23 | [Giovanni] Granelli. *Prediche* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 24 | [Francesco] Venini. *Panegirici* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 25 | [Michaele] Bauldry. *Manuale Sacrarum Caeremoniarum* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 26 | [Miguel de Vargas] Macciucca. *Dissert. Sopra la riforma degli abusi de Ministeri.* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 27 | Trento Panegirici | 4to | 1 | | 4 tari |

130 Każin Banda San Filep Festa 2005

Fejn tinsab din il-lista (l-inventarju) tal-kotba li kellu Dun Mikiel Xerri?



Wieħed jista' jmur jara dan id-dokument ġewwa l-Arkivji Nazzjonali, fis-sezzjoni li hemm fi Triq Villegaignon ġewwa l-Imdina. Fir-ritratt tax-xellug jidher il-bini ġewwa l-Imdina fejn nistgħu nsibu nsibu l-inventarju tal-kotba ta' Dun Mikiel Xerri.

Nirringrazzjaw:

- lis-Sur Charles Farrugia, Arkivista Nazzjonali u CEO fl-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat Malta, li ġentilment tana kopja tal-inventarju ta' Dun Mikiel Xerri
- lis-Sur Noel D Anastas, arkivista fis-sezzjoni tal-Imdina li mexxiena fir-riċerka tagħna u pprovdielna l-kopji tal-inventarju tal-kotba flimkien mal-artiklu tiegħu dwar is-suġġett.

## Sors Primarju Ċ – DUN ĠORĠ PRECA



Naraw il-video fuq il-YouTube:

http://youtu.be/XaBlf3-je6c

Fil-video jidhri diversi sorsi primarji, fosthom:

- ritratti meħuda meta Dun Ġorġ kien għadu ħaj
- filmati miġbuda meta Dun Ġorġ kien għadu ħaj

Permezz ta' dawn is-sorsi primarji ninnutaw:

a) kif Dun Ġorġ kien iħobb jgħallem; diversi ritratti juru lil Dun Ġorġ jgħallem lill-folol tan-nies waqt dawk li Hu kien isejjaħ 'Sajdiet Mużewmini', li kienu sensiela ta' laqgħat fil-miftuħ;

b) kif Dun Ġorġ kien dejjem imdawwar mill-membri tal-Mużew li jissejħu Soċi, u bosta tfal li kienu jattendu d-Djar tad-Duttrina li Hu sejjaħ 'Oqsma'.

L-aħħar biċċa tal-vidjow tfakkarna meta fl-2007 Dun Ġorġ ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Benedittu XVI.